MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru 3/2005

Ir-Repubbklika ta Malta
Vs
Dr. Patrick Vella LL.D

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 3 tas-sena 2005 kontra l-akkuzat Dr. Patrick Vella, LL.D, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien qabel il-5 ta' Lulju, 2002, Mario Camilleri kien gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkuzi u, fil-11 ta' Gunju, 2001, gie kkundannat mill-Qorti Kriminali ghall-piena ta' sittax-il sena prigunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza w, fir-rikors ta' l-appell tieghu, talab lil-Qorti**

**ta' l-Appell Kriminali sabiex tirriduci l-piena mposta mill-Qorti Kriminali.**
**Xi zmien wara, t-tifel ta' Mario Camilleri, Pierre Camilleri, avvicina lil certu Joseph Zammit, maghruf bhala "is-sei", u staqsih x'seta' jaghmel biex dan jghin lill-missieru li kien wasal ghas-sentenza quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Din il-Qorti kienet kolleggjalment komposta mill-akkuzat l-Imhallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim Imhallef Noel Arrigo w mill-Imhallef Joseph Filletti.**
**Ftit ijiem wara li gie avvicinat minn Pierre Camilleri, Joseph Zammit avvicina lill-Imhallef Patrick Vella w staqsieh jekk setghax jghin lil Mario Camilleri w, ghall-ewwel, l-Imhallef ma deherx li kien ser jaccetta. Xi jiem qabel is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Joseph Zammit rega' avvicina lill-akkuzat Patrick Vella w qallu li dan Mario Camilleri kien lest ihallsu kumpens ta' ghaxart-elef lira sabiex jghinu fis-sentenza li jaghtih u b'hekk ma jiddecidix l-istess sentenza skond il-ligi u skond il-kuxjenza kif kien fid-dmir li jaghmel. L-Imhallef Patrick Vella mill-ewwel accetta din l-offerta w qallu li kien ser inaqqaslu tlieta jew erba' snin prigunerija.**

**Il-Prim Imhallef Noel Arrigo kien gie wkoll avvicinat mill-imsemmi Joseph Zammit u l-istess Prim Imhallef accetta l-offerta w, ta' dan l-ghemil, gie wkoll sussegwentement akkuzat. L-Imhallef Joseph filletti qatt ma gie avvicinat.**

**Fil-5 ta' Lulju, 2002, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, komposta mill-akkuzat l-Imhallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim Imhallef Noel Arrigo w mill-Imhallef Joseph Filletti, taw is-sentenza fil-konfront ta' Mario Camilleri w ssostitwew il-piena ta' sittax-il sena prigunerija b'wahda ta' tnax-il sena prigunerija w dan l-akkuzat ghamlu in ezekuzzjoni ta' l-accettazzjoni da parti tieghu ta' l-offerta li kienet saritlu kif fuq deskritt sabiex jghin lill-imsemmi Mario Camilleri fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.**

**Dakinhar stess tas-sentenza l-Imhallef Patrick Vella cempel lil Joseph Zammit u staqsih x'hin setgha jghaddi ghall-flus. Joseph Zammit infurmah illi f'dak l-istadju kien ser itih biss is-somma ta' hamest-elef lira w l-Imhallef irrabja hafna. Xi saghtejn wara din it-telefonata l-Imhallef Vella ghadda ghall-flus vicin ir-residenza ta' Zammit fil-Belt Valletta biex jigi kompensat talli fil-fatt ghen lil Camilleri kif kien wieghed li jaghmel. Joseph Zammit ghaddielu envelope li kien jikkontjeni s-somma ta' hamest-elef lira.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Dr. Patrick Vella sar hati talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Dr. Patrick Vella talli, bhala ufficjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tlett snin skond dak li hemm u jintqal fil-paragrafi (b) u (c) ta' l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.**

**2) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi**
**f'xi zmien qabel il-5 ta' Lulju, 2002, Mario Camilleri kien gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkuzi u, fil-11 ta' Gunju, 2001, gie kkundannat mill-Qorti Kriminali ghall-piena ta' sittax-il sena prigunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza w, fir-rikors ta' l-appell tieghu, talab lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sabiex tirriduci l-piena mposta mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti ta' l-appell Kriminali kienet kolleggjalment komposta mill-akkuzat l-Imhallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim Imhallef Noel Arrigo w mill-Imhallef Joseph Filletti.**

**Id-decizjoni finali tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kollegjalment komposta, kif kienet il-Qorti li ddecidiet l-appell ta' Mario Camilleri, kellha tkun skond il-fehma tal-maggoranza tal-membri taghha biex b'hekk decizjoni ta' kull wiehed mill-Imhallfin wahdu ma setghetx tkun sufficjenti minghajr il-kunsens ta' almenu wiehed mill-Imhallfin l-ohra. Fil-fatt il-Prim Imhallef Noel Arrigo kien gie ukoll avvicinat mill-imsemmi Joseph Zammit u l-istess Prim Imhallef accetta l-offerta w, ta' dan l-ghemil, gie ukoll sussegwentement akkuzat. L-Imhallef Joseph Filletti qatt ma gie avvicinat.**

**Ftit gimghat wara li gie avvicinat minn Pierre Camilleri, Joseph Zammit avvicina lill-akkuzat Patrick Vella w qallu li Mario Camilleri kien lest ihallsu s-somma ta' ghaxart-elef lira jekk huwa jghinu fis-sentenza tieghu. L-Imhallef Patrick Vella accetta din l-offerta w l-weghda ta' vantagg mhux xieraq bil-ghan li jezercita nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi ta' l-inqas wiehed mill-Imhallfin l-ohra li mieghu kienu jikkomponu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kaz ta' Mario Camilleri. Dan ghaliex, kif inghad izjed 'l fuq, id-decizjoni tieghu wahdu kellha necessarjament tigi supplementata bid-decizjoni ta' almenu wiehed mill-Imhallfin l-ohra, kif fil-fatt gara.**

**Dak il-hin l-akkuzat qal lil Joseph Zammit li kien ser inaqqas tlieta jew erba' snin prigunerija mis-sentenza ta' Mario Camilleri.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Dr. Patrick Vella sar hati talli, rceva w accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xierqa ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi ufficjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar hati ta' reat li hu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Dr. Patrick Vella talli, rceva w accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xierqa ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi nfluwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi ufficjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar hati ta' reat li hu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tmintax-il xahar skond dak li hemm u jintqal fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 121A u 141 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.**

**3) Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fit-Tieni Kap illi ftit snin qabel il-5 ta' Lulju, 2002, Mario Camilleri kien gie akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali b'diversi reati, fosthom traffikar tad-droga kokajina. Camilleri ammetta dawn l-akkuzi w, fil-11 ta' Gunju, 2001, gie kkundannat mill-Qorti Kriminali ghall-piena ta' sittax-il sena prigunerija. L-imsemmi Camilleri appella minn din is-sentenza w, fir-rikors ta' l-appell tieghu, talab lill-Qorti ta' l-Appell**

**Kriminali sabiex tirriduci l-piena mposta mill-Qorti Kriminali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet kolleggjalment komposta mill-akkuzat l-Imhallef Patrick Vella kif ukoll mill-Prim Imhallef Noel Arrigo w mill-Imhallef Joseph Filletti.**

**Ftit jiem qabel is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali Joseph Zammit avvicina lill-akkuzat Patrick Vella w qallu li Mario Camilleri kien lest ihallsu s-somma ta' ghaxart-elef lira jekk huwa jghinu fis-sentenza tieghu. L-Imhallef Patrick Vella accetta din l-offerta w qallu li ser inaqqaslu tlieta jew erba' snin prigunerija.**

**L-akkuzat Dr. Patrick Vella, bhala Imhallef, kellu dover skond is-Kostituzzjoni ta' Malta li ma jikkomunikax, direttament jew indirettament, ma' hadd dwar kawza li kienet ghadha ma nqatghatx, barra minn fil-Qorti bil-miftuh.**

**Illi b'ghemilu, l-imsemmi Dr. Patrick Vella sar hati talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippublika dokument jew fatt li gie fdat lilu jew li kien gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod ghen biex jigi maghruf.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Dr. Patrick Vella talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li gie fdat lilu jew li kien gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impieg tieghu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod ghen biex jigi maghruf.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 133 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.**

**Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni limitatament ghall-fini tal-eccezzjonijiet preliminari;**

**Rat in-Nota tal-akkuzat tal-11 ta' Frar, 2005 li biha a tenur tal-Artikolu 436(6) u (9) tal-Kap.9 , informa lil din il-Qorti – alkwantu prematurament stante li ghadu ma bediex jiddekorri t-terminu imsemmi fl-artikolu 436 (6) b' riferenza ghall-artikolu 438 (6) (ara "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mosbah Mohsen Ben Ibrahim" **[22.2.2006] fejn din il-Qorti rriteniet li dan it-terminu ta' ghaxart ijiem jibda' jghaddi minn-notifika tal-avviz tas-smiegh tal-kawza,** wara **li jkunu gew decizi l-eccezzjonijiet preliminari, fejn dawn ikunu inghataw) - illi f' dan il-kaz huwa kien qed jaghzel li l-guri tieghu jinstema' u jigi deciz minn Imhallef u ghalhekk ma jkunx hemm il-htiega li jigu maghzula gurati f' dawn il-proceduri.**

**Rat in-Nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuzat tat-28 ta' Frar, 2005, li biha eccepixxa:**

L-Ewwel Eccezzjoni **: Illi fid-dawl tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Prim' Ministru fil-5 ta' Lulju, 2002 li permezz ta' decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs. Dr. Noel Arrtigo LL.D. u Dr. Patrick Vella LL.D. " [ Rikors Numru 22/02] gie ddikjarat li minhabba l-istess dikjarazzjoni gie lez id-dritt fondamentali tal-eccipjent ghal smiegh xieraq hekk kif sancit mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta w mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif ukoll gie lez id-dritt fondamentali tal-eccipjent kif sancit mill-Artikolu 39 (5) tal-istess Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 (2) tal-istess Konvenzjoni Ewropeja u/ jew kif ukoll sa fejn jirrigwarda ir-rimedju effettiv li fid-decizjoni surreferita din l-Onorabbli Qorti li eventwalment giet imsejjha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-eccipjent , din il-kawza m' ghandhiex titmexxa la issa u f' ebda zmien iehor.**

It-Tielet Eccezzjoni **: Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-lista tax-xhieda pprezentata ma' l-Att ta' l-**

**Akkuza hija irrita w ghandha tigi sfilzata w konsegwentement ix-xhieda, d-dokumenti w l-oggetti kollha hemm elenkati ghandhom jigu iddikjarati inammissibbli f' dan il-process u mhux producibbli mill-Prosekuzzjoni peress illi jirrizulta b' mod car illi din il-lista ma' tappartjenix ghall-atti tal-kawza odjerna u giet ipprezentata irritwalment .**

Ir-Raba' eccezzjoni **: Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u senjatament ghall-generalita' tat-tielet eccezzjoni hawn fuq sollevata, l-inammissibilita' tad-dokument JR 2, essendo illi l-awtur tieghu huwa injot u per tant tali dokument huwa prova li fuqha d-difiza ma' ghandha ebda forma ta' kontroll, kif ukoll ghaliex l-istess dokument jikkostitwixxi *"documentary hearsay".***

**Illi t-tieni , il-hames u s-sitt eccezzjonijiet gew irtirati, l-ahhar tnejn stante li kif iddikjaraw id-difensuri tal-akkuzat Dr. J. Herrera u Dr. M. Schriha , il-punti hemm sollevati ma jridux jigu decizi f' dan l-istadju imma fl-istadju tas-smiegh tal-kawza mill-Imhallef togat waqt li qed jevalwa l-provi w fid-dawl tar-rizultanzi kollha li jkunu hargu waqt il-kawza w, fil-waqt li irrizervaw li jqajjmu l-istess eccezzjonijiet fil-kors tas-smiegh tal-kawza, jekk ikun il-kaz, irrizervaw li jqajjmu ulterjorment il-kwistjoni fit-terminu tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jekk ikun il-kaz . Konsegwentement dawn it-tlitt eccezzjonijiet ma hemmx bzonn li jigu w mhux qed jigu riprodotti f' din il-parti tas-sentenza.**

**Fir-rigward tar-raba eccezzjoni, skond verbal tat-3 t' April, 2006, id-difiza kellha fi zmien tlitt gimghat minn dak in-nhar u cioe' sal-24 t' April, 2006, taghmel nota halli tiddikjara jekk it-traskrizzjoni tal-istqarrija hix wahda fidila u akkurata tat-tapes esebiti u, f' kaz affermattiv, din l-eccezzjoni ghandha titqies bhala li hija irtirata. Fil-fatt b' nota tad-19 ta' Mejju, 2006, l-akkuzat iddikjara li kien qed izomm ferma din l-eccezzjoni.**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu, 2005 li biha ta avviz ta' l-eccezzjoni dwar l-ammissibilita' ta' provi li ghandu hsieb li jaghti u cioe' l-eccezzjoni ta' inammissibilita' tax-xhieda kollha indikati mill-akkuzat bin-numru wiehed (1) sa tnax (12) billi minn imkien ma jidher li d-depozizzjoni taghhom hi jew tista' tkun rilevanti ghall-mertu tal-kaz u peress illi fin-nuqqas ta' l-oggett tal-prova li trid issir bihom, l-ammissibilita' o meno taghhom ma tirrizultax.**

**Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu, 2005, li bih talab il-korrezzjoni biex il-kliem *"Noel Arrigo"* li gew imnizzla erronjament f' pagna sitta (6) ta' l-Att ta' l-Akkuza (qabel in-nota tax-xhieda, dokumenti oggetti) jigu mibdula fil-kliem *"Patrick Vella",* billi dan hu evidenti li hu *"lapsus calami".***

**Rat id-Digriet Taghha tas-7 ta' Marzu, 2005 li bih ordnat in-notifika tal-akkuzat;**

**Rat ir-risposta tal-akkuzat tal-10 ta' Marzu, 2005, fejn oppona ghat-talba ghal korrezzjoni ghar-ragunijiet hemm elenkati;**

**Rat id-Digriet Taghha tal-14 ta' Marzu, 2005, li bih, wara li rat l-oppozizzjoni tal-akkuzat, irrizervat li tipprovdi wara li tisma d-debita trattazzjoni fl-istadju opportun tal-kawza.**

**Rat l-ordni taghha tat-3 ta' Novembru, 2005, sabiex l-Avukat Generali jesebixxi kopja awtentika tas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza** "Noel Arrigo and Patrick Vella vs. Malta" **(application number 6569/04) sas-seduta li kien imiss ;**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali tad-19 ta' Jannar, 2006, li biha esebixxa kopja tas-sentenza tal-European Court of Human Rights :** "Arrigo and Vella v. Malta" **[10.05.2005];**

**Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet u riferenzi tal-akkuzat tat-2 ta' Frar, 2006;**

**Rat l-istess sentenza tal-European Court of Human Rights, li b' verbal tas-6 ta' Frar, 2006, id-difiza qablet li din hija kopja awtentika w fidila tal-original;**

**Rat in-Nota tal-akkuzat tal-24 t' April, 2006 fejn hu indika l-iskop tax-xhieda kollha tieghu bin-numri 1 sa 12.**

**Rat in-Nota tal-Avukat Generali li biha rtira l-eccezzjoni tieghu moghtija permezz tan-nota tal-4 ta' Marzu, 2005, rigward l-ammissibilita' tax-xhieda indikati mill-istess akkuzat;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi in vista tac-cessjoni tat-tieni, l-hames u sitt eccezzjonijiet, f' dan l-istadju, din il-Qorti trid tiddeciedi biss l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet preliminiari .**

L-EWWEL ECCEZZJONI.

**Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-akkuzat issottometta li din l-eccezzjoni hija bazata fuq l-artikolu 449 (1) (f) u (4) tal-Kap.9 u ghandha tiftiehem fis-sens li l-kawza m' ghandhiex titmexxa' 'l quddiem ghal mument , jew f' ebda zmien iehor.**

**L-abbli difensur, Dr. Abela ssottometta li l-principju legali regolatur hu li fejn il-ligi ma tipprovdix, il-Qrati iridu jintervjenu biex jaghtu r-rimedju xieraq. Il-Qorti ma tistax tiehu l-linja pozitivista li l-eccezzjoni ma tinkwadrax f' xi artikolu tal-ligi. Tkun kontradizzjoni in termine li din il-Qorti ma tikkonsidrax il-portata tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li giet indirizzata lil din il-Qorti. Din il-Qorti kellha punt innovattiv x' tiddeciedi. Id-difiza ma kelliex tahseb li l-Qorti Kostituzzjonali ma riedetx taghti rimedju effettiv.**

**Fin-nota ta' sottomissjonijiet u riferenzi tieghu, l-akkuzat umbaghad elabora li kemm l-interpretazzjoni kif ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 449 (1) (f) ghandha tigi abbinata ma dak provdut fis-sub-inciz (4) tal-istess artrikolu w li l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lid-dispost tal-istess sub-inciz sabiex wiehed ikun jista' japprezza aktar x' inhu l-ispirtu tac-cirkostanzi li jista' jwassal ghall-akkoljiment ta' eccezzjoni fit-termini tal-artikolu 449 (1) (f) jew ta' xi punt sollevat fit-termini tas-sub-inciz (4) . Il-punt ta' fatt li hu l-bazi ta' din l-eccezzjoni hija s-sentenza moghtija favur tieghu mill-Qorti Kostituzzjonali fuq riferita, fejn kien gie dikjarat illi kien gie lez id-dritt fondasmentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u gie lez ukoll id-dritt fundamentali tal-akkuzat kif sancit mill-artikolu 39 (5) tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 (2) tal-istess Konvenzjoni. Bhala provvediment rimedjali dik l-istess Qorti kienet ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni :-**

*"fil-fehma ta' din il-Qorti dak illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghandu jsir sabiex jigi provdut rimedju ghal-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-dritt fundamentali tal-appellanti, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-kodici kriminali jigu skrupolozament osservati, u applikati, huwa illi dan il-gudikat jingieb a konjizzjoni ta' dik il-qorti illi eventwalment tigi msejjha sabiex tiddetermina il-proceduri kriminali inizjati kontra l-istess appellanti "*

Kompla jissottometti li ovvjament l-iskop ma kienx li jinghata xi rimedju kozmetiku billi dik is-sentenza tigi nfilzata f' dan il-process u kollox jieqaf hemm Lanqas ma kien il-kaz li l-Qorti Kostituzzjonali kienet qed tabdika mill-funzjonijiet taghha sabiex taghti rimedju effettiv ghall-lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat. Meta l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza taghha, l-proceduri kriminali odjerni kien ghadhom fl-istadju tal-istruttorja quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk dik il-Qorti ma

setghetx f' dak l-istadju legalment tiddetermina definittivament il-proceduri kriminali kontra l-akkuzat proprju ghaliex kien hemm Qorti ohra b' gurisdizzjoni aktar definita w preciza li setghet taghti gudizzju fuq il-prosegwiment o meno tal-kawza. Li kieku l-Qorti Kostituzzjonali ghamlet aktar minn dak li ghamlet, kienet tkun qeghdha tohrog mill-gurisdizzjoni lilha arginata w tuzurpa dik ta' din il-Qorti.

Raguni ohra ghala l-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet kif iddeciddiet skond l-akkuzat hija li din il-Qorti li hija wahda indipendenti w imparzjali w vestita bil-gurisdizzjoni originali sabiex tittratta ma kull eccezzjoni jew punti ta' fatt imqanqal fit-termini tal-Artikolu 449(1)(f) u (4) li huma proprju parti minn dawk *"is-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali*" li ghalihom tirriferi s-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Isegwi li din il-Qorti tirrisolvi ruha fil-forum legalment u gurisdizzjonalment ideali sabiex jassikura w jiddetermina l-effikacja tal-gudikat tal-Qorti Kostituzzjonali.

L-akkuzat issottometta li dan, din il-Qorti setghet taghmlu billi tapplika l-kuncett dottrinali generali tal-*abuse of process,* kif interpretat fl-awturi w gurisprudenza Brittannika. Fil-fatt hu ghamel riferenza ghal diversi sentenzi Inglizi dwar dan l-punt. Partikolarment saret riferenza ghall-kaz **R v. Beckford** [1996] 1 Cr. App. R. 94, fejn il-Qorti Ingliza identifikat zewg kategoriji ta' kazi fejn proceduri penali jistghu jitwaqqfu a bazi tal-fatt illi l-kontinwazzjoni tal-istess ikun jikkostitwixxi *abuse of process* u, senjatament (a) fejn l-akkuzat ma jistax jinghata smiegh xieraq, u / jew (b) fejn ikun *unfair* li l-akkuzat jigi processat, jew fejn dawn ic-cirkostanzi jikkonkorru simultanjament. Issemma kaz iehor fejn gie deciz li jkun hemm dan l-*abuse of process* fejn ikun hemm pubblicita' relattiva ghas-suggett dibattut fl-istess kawza, bil-konsegwenza tali li ma jkunx possibbli illi jkun hemm smiegh xieraq.

In konkluzzjoni ta' dan kollu, l-akkuzat issottometta li in konsegwenza tad-dikjarazzjonijiet tal-Prim' Ministru tal-5 ta' Lulju, 2002, illi gabu maghhom pubblicita' avversa

dwar il-mertu ta' dan il-kaz b' tali mod li kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq u ghall-prezunzjoni tal-innocenza , kienu jezistu bizzejjed ragunijiet sabiex fit-termini tal-artikolu 449 (1) (f) din il-Qorti tordna illi din il-kawza m' ghandhiex titmexxa la ghalissa w fl-ebda zmien iehor. Dan din il-Qorti kellha taghmlu mhux biss in omagg ghall-gudikat tal-Qorti Kostituzzjonali izda ghaliex il-prosegwiment ta' dan il-kaz ma jistax isehh minghajr ma jibqa' jigi rrekat pregudizzju serju ghall-akkuzat. Jekk jitkompla l-process dan ikun oppressiv ghall-akkuzat ghax ikun jikkostitwixxi prosegwiment tal-lezjoni tad-drittijiet tieghu.

Ghalkemm bil-verbal tas-6 ta' Frar, 2006, Dr. Tonna Lowell, ghall-prosekuzzjoni, rrizerva li jirrispondi ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-akkuzat jekk ikun il-kaz, baqa' ma ghamilx dan u llimita ruhu ghat-trattazzjoni orali.

Beda biex qal li l-kazistika barranija ma ghandhiex tapplika f' dan il-kaz u ghamel riferenza ghall-zewg sentenzi tal-Qrati Maltin u cioe' **"Ir-Repubblika vs. Louis sive Lewis Bartolo**" (Qorti tal-Appell Kriminali [14.9.1981]) w "**Rex vs. Giuseppe Tabone"** (Qorti Kriminali [16.3.1923]). Hu ssottometta li kull riferenza ghas-subinciz (4) tal-artikolu 449 kienet barra minn lokha w prematura ghax hawn ghadna fl-istadju tal-eccezzjonijiet *in limine litis*. Inoltre r-riferenza ghas-subinciz (1) (f) kienet ukoll irrilevanti. Se mai aktar kien rilevanti is-subinciz (1)(g).

L-argument mibni fuq it-terorija Ingliza tal-*abuse of process* f' dan il-kaz ukoll mhux rilevanti ghax hawn diga kien hawn pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali li qalet x' irid isir u x' ma jridx isir u cioe' li **"…LADARBA GIE DECIZ ILLI MA GIEX LEZ ID-DRITT FUNDAMENTALI TA' L-APPELLANTI ILLI l-KAZ TAGHHOM JIGI MISMUGH ' MINN QORTI INDIPENDENTI U IMPARZJALI" , MHUX IL-KAZ ILLI JIGI ORDNAT LI JITWAQQFU l-PROCEDURI KRIMINALI IN KWESTJONI INIZJATI KONTRA l-ISTESS APPELLANTI**." Dak li kienet qed titlob id-difiza kien

proprju l-oppost ta' dak li gja ddecidiet il-Qorti Kostituzzjonali .

**Ikkonsidrat;**

**Illi f' din il-kawza, l-akkuzat eccepixxa fl-ewwel eccezzjoni tieghu li din il-kawza m' ghandhiex titmexxa la issa u f' ebda zmien iehor. Dan hu l-kliem adoperat fl-artikolu 449 (1) (f) tal-Kodici Kriminali w l-akkuzat di fatti qed jinvoka dan l-artikolu in sostenn ta' din l-eccezzjoni. Mhux pero' il-kliem adoperat fis-subinciz (4) tal-art. 449 li jittratta dwar punt ta' fatt illi, minghajr ma jnehhi l-imputabilita' ta' l-akkuzat jew il-kapacita' tieghu li joqghod fil-kawza, ikun tali li minhabba fih l-akkuzat <u>m'ghandux ikun soggett ghall-piena.</u>**

**Ghalhekk meta l-akkuzat fit-trattazzjoni w fin-nota tieghu qed jinvoka ukoll is-subinciz (4) ikun qed jestendi l-portata w is-sinifikat tal-eccezzjoni tieghu, haga li mhux permess li jaghmel skond il-gurisprudenza .**

**Di fatti, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Louis sive Lewis Bartolo" **[14. 9.1981] *"mhux bizzejjed , ghalhekk , li wiehed fl-avviz semplicement jallega eccezzjoni jew eccezzjonijiet bla ma jispecifika l-motivi precizi li fuqhom qieghed jibbaza dik l-eccezzjoni jew eccezzjonijiet, jew inkella, dak li hu aghar, bla ma l-anqas jispecifika liema eccezzjoni qieghed jaghti."* Gie hemm ritenut ukoll li jekk fl-avviz dwar l-eccezzjoni, l-eccezzjoni hemm proposta ma tkunx identifikabbli, allura, ma tkunx tissodisfa l-vot tal-ligi. Intqal ukoll li :-**

*"…ghandu jigi osservat illi n-nota valida tal-avviz dwar l-eccezzjonijiet preliminari, fil-forma u fiz-zmien preskritt mill-ligi, hija rekwizit bazilari stabilit mill-ligi ghall-allegazzjoni u eventwali trattazzjoni u decizjoni ta' l-eccezzjonijiet preliminari, u n-nuqqas ta' dan ir-rekwizit, li huwa l-att promotur li jaghti l-hajja lill-eccezzjoni, ma jistax*

*jigi rettifikat jew kolmat bl-ebda att iehor jew intervent tal-Qorti."*

It-tentattiv tal-akkuzat li jissottometti li din l-eccezzjoni saret ukoll fit-termini tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 449 hu mibni fuq l-argument li l-para. (f) tas-subinciz (1) u s-subinciz (4) ghandhom jigu abbinati flimkien. Imma dawn jikkontemplaw zewg eccezzjonijiet separati w distinti minn xulxin, liema eccezzjonijiet ghandhom sahansitra jinghataw fi stadji diversi tal-proceduri. L-ewwel eccezzjoni u cioe' dik bazata fuq l-art. 449 (1) (f) trid tinghata entro t-terminu ta' hmistax il-jum ta' xoghol minn-notifika ta' l–Att ta' l-Akkuza kif provvdut fl-artikolu 438 (2) mentri t-tieni eccezzjoni trid tinghata wara l-verdett tal-guri kif jirrizulta b' mod lampanti mill-imsemmi subinciz (4) tal-artikolu 449. Ghalhekk is-sottomissjoni li l-eccezzjoni kontemplata f' dan is-subinciz tista' tinghata f' kull stadju hija wahda kompletament zbaljata.

**Illi fis-sentenza taghha dwar eccezzjonijiet preliminari, fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Attard" **(Att ta' l-Akkuza 21/2003) [14.9.2004], li ma gietx mibdula jew varjata f' din il-parti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru, 2005, din il-Qorti ccitat b' approvazzjoni siltiet mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef (illum Prim' Imhallef) Dr. V. De Gaetano, tat-28 ta' Lulju, 1999, konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' April, 2001, fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Pollacco"**, fejn si trattava ukoll ta' interpretazzjoni jew estensjoni tal-portata ta' eccezzjoni preliminari.**

**Dik il-Qorti, meta ma ppermettietx li tigi estiza eccezzjoni bl-espedjent ta' nota li kienet tmur oltre l-eccezzjoni kif formulata originarjament, kienet qalet hekk:-**

***"L-artikolu 438 (2) (i) tal-Kodici Kriminali, moqri flimkien ma' l-artikolu 449 (1) jistabilixxi terminu perentorju li fih ghandhom jinghataw l-eccezzjonijiet preliminari w eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita' ta'***

***provi mill-akkuzat… Spiss qed jigri, pero', li wara li jkunu inghataw dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat jipprova – fit-trattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju tal-appell – jwessa' l-istess eccezzjonijiet jew jisposta l-bazi taghhom, b' mod li l-eccezzjoni tigi tkopri ferm aktar minn dak li jkun gie originarjament eccepit fin-nota prezentata entro t-terminu ta' hmistax il-jum tax-xoghol kif provvdut fl-imsemmi Artikolu 438 (2) tal-Kodici Kriminali. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta ghal evazjoni tat-terminu perentorju msemmi, b' mod li jkunu effettivament qed jigu sollevati eccezzjonijiet <u>wara</u> li jkun skada t-terminu. Dan qed jinghid ghax proprju fil-kaz odjern, l-akkuzat referibbilment ghall-eccezzjoni dwar l-ammisibilita' tal-provi, l-ewwel issoleva eccezzjoni li kienet kjarament limitata fil-portata taghha w wara, permezz ta' nota…sposta kompletament il-bazi ta' dik l-eccezzjoni b' mod li gie qed jissolleva eccezzjoni gdida."***

**Dan hu simili hafna ghal dak li gara f' dan il-kaz. Wara li l-akkuzat fl-ewwel paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, uza kliem li jappartjeni ghall-eccezzjoni kontemplata fl-artikolu 449 (1) (f), issa qed jippretendi li jestendi l-istess eccezzjoni ghal dak kontemplat fl-art. 449 (4) u cioe' ghall-eccezzjoni dwar kull punt ta' fatt illi, minghajr ma jnehhi l-imputabilita' ta' l-akkuzat jew il-kapacita' tieghu li joqghod fil-kawza, ikun tali li minhabba fih l-akkuzat m'ghandux ikun soggett ghall-piena. Dan ma hux permess li jsir u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni trid tigi ezaminata biss w unikament taht l-aspett kontemplat fl-art. 449 (1) (f).**

Imbaghad, f' kull kaz, ghalkemm hu possibbli li wiehed igib 'il quddiem xi punt ta' fatt illi, minghajr ma jnehhi l-imputabilita' tal-akkuzat jew il-kapacita' tieghu li joqghod fil-kawza, jkun tali li minhabba fih l-akkuzat m' ghandux ikun suggett ghall-piena , wkoll wara l-verdett tal-guri, skond is-subinciz (4) tal-art. 449, dan is-subinciz qed jipprospetta kaz fejn il-process kriminali ikun sar u l-akkuzat addirittura jkun instab hati, ghaliex il-punt ta' fatt

ma jkunx josta ghall-process kriminali w ma jkunx nehha l-imputabilita' tal-akkuzat. Konsegwentement din it-tip ta' eccezzjoni xorta wahda qatt ma tista' tiftiehem li l-proceduri kriminali f' dan l-istadju, m' ghandhomx jitmexxew 'il quddiem, kif issa qed jippretendi l-akkuzat . Se mai jekk, wara li jigi konkluz il-process, ikun hemm dikjarazzjoni ta' htija, dan il-punt ta' fatt ikun jista' jingieb quddiem il-gudikant fl-istadju opportun, jekk ikun il-kaz, fit-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkonsidrat;

L-argument tad-difiza li l-art. 449 (1) (f) abbinat mall-subinciz (4) jistghu jkunu il-metodu kif din il-Qorti, wara li tiehu konjizzjoni taz-zewg sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea, tkun tista' taghti effett lis-salvagwardji kontemplati w kontenuti fil-Kodici Kriminali, huwa stirakkjat ghall-ahhar u mhux qed jigi milqugh.

Dan ghaliex l-Qorti Kostituzzjonali, wara li kkonstat il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, illimitat ruha biex tesprimi ruha kif gej :-

*"fil-fehma ta' din il-Qorti dak illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghandu jsir sabiex jigi provdut rimedju ghal-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-dritt fundamentali tal-appellanti, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-kodici kriminali jigu skrupolozament osservati, u applikati, huwa illi dan il-gudikat jingieb a konjizzjoni ta' dik il-qorti illi eventwalment tigi msejjha sabiex tiddetermina il-proceduri kriminali inizjati kontra l-istess appellanti … u tordna illi a kura tar-registratur titqieghed kopja ta' dan il-gudikat fl-atti tal-process fl-ismijiet "Il-pulizija vs. Dr. Noel Arrigo LL.D. et.", li fih saret ir-referenza kostituzzjonali odjerna."*

Illi x' riedet tghid u ma tghidx il-Qorti Kostituzzjonali - w l-Qorti Ewropea meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali - bir-rimedju minnha moghti, jista' jkun biss kongetturat minn din il-Qorti, ladarba dik il-Qorti ma tatx direttivi specifici. Seta' kien intiz biex din il-Qorti, jekk il-kaz jigi quddiemha, taghmel emfasi fuq il-gurija tul il-guri

biex iwarrbu minn quddiem ghajnejhom kull pronunzjament li seta' sar u li kien leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, eventwalita' li pero' f' dan il-kaz ma jidhirx li tkun applikabbli, stante l-ghazla tal-akkuzat li din il-Qorti tkun komposta biss mill-Imhallef togat.

Li hu cert, pero', hu li z-zewg Qrati ma ordnawx il-waqfien tal-process kriminali kontra l-akkuzat, kif setghu liberament jaghmlu, kieku riedu. Anzi l-Qorti Kostituzzjonali ordnat proprju l-kuntrarju w eskludiet il-htiega li jitwaqqfu tali proceduri kontra l-akkuzat, meta qalet testwalment hekk :-

*"…la darba gie deciz illi ma giex lez id-dritt fondamentali tal-appellanti illi l-kaz taghhom jigi mismugh "minn qorti indipendenti w imparzjali* ***<u>", mhux il-kaz illi jigi ordnat illi jitwaqqfu il-proceduri kriminali in kwistjoni inizjati kontra l-istess appellanti</u> ."*** (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti)

Din il-parti tas-sentenza ukoll giet konfermata mill-Qorti Ewropea meta qalet:-

*"It is true that the applicants' request for a stay of the criminal proceedings had been rejected; however , the effectiveness of a remedy does not depend on the certainty of a favourable outcome."*

Dak li ma giex ordnat, anzi gie michud mill-Qorti Kostituzzjonali, kif konfermat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma tistax taghmlu w tatieh, bhala rimedju ta' natura kostituzzjonali din il-Qorti, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tali kompetenza w setghat. Li tista' taghmel u trid bil-fors taghmel din il-Qorti hu li tara li l-kawza tigi trattata w deciza bl-akbar oggettivita' w imparzjalita' w b' mod li l-process jkun assolutament mhux influwenzat minn xi ingerenzi esterni, inkluzi dawk il-pronunzjamenti ta' xi membri tal-ezekuttiv li kienu jammontaw ghall-lezjoni tad-drittijiet fondamentali ghall smiegh xieraq, skond il-Qorti Kostituzzjonali. Imma l-process irid jiehu l-*"iter*" tieghu shih.

Lanqas ma tidher fondata s-sottomissjoni tad-difiza li l-ordni biex il-proceduri jitkomplew kienet tapplika ghall-proceduri tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati biss w li issa li l-kawza ngabet quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ghandha s-setgha li, biex tosserva skrupolozament is-salvagwardji kontemplati w kontenuti fil-Kodici Kriminali, twaqqaf il-proceduri. Il-Qorti Kostituzzjonali ma ghamlet ebda distinzjoni bejn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dawk issa quddiem din il-Qorti. Wara kollox kien possibbli li l-kawza setghet anki tigi determinata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), sia pure bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali minnflok bhala Qorti Istruttorja, kieku ma kienx ghal fatt li l-akkuzat ma tax il-kunsens tieghu biex jigi gudikat minn dik il-Qorti ghax irrizerva l-pozizzjoni tieghu.

Illi l-argument tal-akkuzat li hu ma jistax jahseb li l-Qorti Kostituzzjonali riedet taghti biss rimedju kozmetiku ma jwassalx biex din il-Qorti taghmel dak li l-Qorti Kostituzzjonali espressament iddikjarat li ma kellux isir. Wara kollox, mhux l-ewwel darba li l-Qorti Kostituzzjonali, u anki dik ta' Strasbourg, wara li tkun ikkonstatat ksur tad-drittijiet fondamentali , taghti biss rimedju li jkun jikkonsisti f' semplici dikjarazzjoni ta' tali kostatazzjoni w xejn aktar. Kien hemm ukoll kazijiet simili fejn ma giex ordnat it-twaqqif tal-process kriminali w inghata biss kumpens finanzjarju. F' dan il-kaz dik il-Qorti marret oltre issollecitat lill-Qorti li ser tiddeciedi l-kaz li tara li s-salvagwardji kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati, haga li kull Qorti hi mistennija li taghmel f' kull kaz. Din il-Qorti ma hix qeghdha biex tissindaka l-mod kif il-Qorti Kostituzzjonali kkoncepiet u abbozzat ir-rimedju w zgur inqas biex taghti rimedju li l-istess Qorti eskludiet espressament.

Ghaldaqstant din il-Qorti, fil-waqt li, kif obbligata, ser tiehu konjizzjoni tas-sentenzi in kwistjoni, ma tarax li tista' b' xi mod tilqa' l-kontenzjoni tal-akkuzat li t-tehid ta' tali konjizzjoni jista' jfisser li hi ghandha twaqqaf il-proceduri kriminali kontra l-akkuzat li issa huma pendenti quddiem din il-Qorti, kif qed jippretendi li ghandu jiftiehem l-imsemmi paragrafu l-istess akkuzat.

Illi kieku ir-rimedju li qed jippretendi li jiehu minn din il-Qorti l-akkuzat hu dak li l-Qorti ma tkomplix bis-smiegh u decizjoni tal-kaz , dan ikun jammonta ghal xejn inqas milli li din il-Qorti tkun qed tisfiducja lilha nnifisha a prioristikament u qabel ma tisma l-provi fil-mertu, u dan semplicement ghaliex ikunu saru pronunzjamenti estraneji dwar il-kawza minn min mhux suppost jaghmilhom.

Illi fiz-zminijiet tal-lum fejn kull kawza ta' certa portata tattira kummenti minn opinjonisti, politici jew xort' ohra, fil-medja li mhux rari jkunu sfavorevoli ghall-ahhar ghall-akkuzat u fejn anki l-oghola awtoritajiet jaghmlu pronunzjamenti dwar il-mertu, il-Qrati ma jistghux jiehdu l-"*line of least resistance"* u jwaqqfu proceduri kriminali pendenti bil-pretest li jkunu qed jaghmlu hekk biex jipprotegu l-interessi w id-drittijiet fundamentali tal-akkuzat. Altrimenti dan jista' jaghti lok ghall-intralc kontinwu fl-amministrazzjoni tal-gustizzja, intralc li jista' ma jkunx mixtieq mill-akkuzat imma jista' jkun ukoll mixtieq minnu, billi wiehed jissolecita jew addirittura jistiga kummenti avversi fil-medja biex fuqhom jinvoka id-dritt tieghu li l-process tieghu jigi mwaqqaf.

Ir-rimedju li jrid ikun hemm f' dawn il-kazijiet ta' intralc u indhil fl-amministrazzjoni tal-gustizzja mhux l-isfrattar tal-proceduri penali li ghandu jiehu l-istat kontra l–individwu, imma kontroll aktar iebes fuq il-kummennti avversi minn terzi dwar kawzi pendenti, li jkun munit b' ligijiet cari li jirregolaw il-limiti ta' tali kummenti w joholqu pieni serji w adegwati ghal dawk li ma josservawx ir-regoli. F' dawn l-ahhar snin il-principju salutari ta' nuqqas ta' kummenti fuq kawzi *"sub judice",* gie imwarrab w anki redikolat u sagrifikat fuq l-altar tal-kuncett tal-liberta' tal-espressjoni w tal-istampa, bil-konsegwenzi li akkuzati li jkunu sofrew minn xi kummenti avversi, jinvokaw il-ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom u b' hekk il-process gjudizzjarju, gja minnu difficli w impenjattiv, qed kull ma jmur isir aktar komplikat u difficli biex iwettaq il-gustizzja fil-kamp penali.

Imma l-Qrati jridu jaghmlu xogholhom minnkejja kollox u ma jistghux jabdikaw ghall-funzjoni taghhom li jiggudikaw

semplicement ghax min ma kellux jindahal fil-process bi pronunzjamenti barra minn lokhom, ikun azzarda li jintrometti ruhu fil-process b' dan il-mod.

Umbaghad, fil-kaz in ezami, bil-fatt li l-akkuzat ghazel li jigi gudikat minn din il-Qorti, minghajr gurija, apparti li wera fiducja assoluta fil-gudizzju tal-gudikant togat, elimina hu stess xi possibilita' remota li gurija setghet tkun impressjonata avversament kontra tieghu b' xi pronunzjament tal-oghla membru tal-Ezekuttiv, u cioe' tal-Prim' Ministru ta' dak iz-zmien tal-arrest. Kieku din il-Qorti taccetta l-argument tal-akkuzat li hi stess, bla gurija, mhux kapaci li taghti gudizzju oggettiv u imparzjali, minkejja kull ingerenza w intromissjoni fil-process, tkun qed tabdika ghall-funzjonijiet taghha a prioristikament u tichad lilha nnifisha dik il-fiducja li pogga fiha l-istess akkuzat meta ghazel li f' din il-kawza jkun l-imhallef togat wahdu li jiddeciedi dwar il-htija jew l-innocenza tieghu.

Ghalhekk taht kull aspett din l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda w qed tigi respinta.

## IT-TIELET ECCEZZJONI

**It-tielet eccezzjoni** hi imsejjsa fuq il-fatt li in capo ghan-nota tax-xhieda tal-Avukat Generali pprezentata mall-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali nizzel l-okkju bhala "Ir-Repubblika ta' Malta kontra Dr. **Noel Arrigo** LL.D." minnflok "Dr. Partrick Vella LL.D." Wara li nghatat din l-eccezzjoni w l-Avukat Generali ntebah bl-izball tieghu, hu ntavola r-rikors tal-4 ta' Marzu, 2005, fejn talab li din il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fis-sens li l-kliem "Noel Arrigo" jigu mibdula bil-kliem "Patrick Vella", u dan in vista li hu evidenti li dan kien *lapsus calami*.

L-akkuzat, notifikat b' dar-rikors, oggezzjona ghal tali korrezzjoni bin-nota tieghu tal-10 ta' Marzu, 2005, fejn *inter alia* ssottometta li din il-Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors ghax dak li hemm mitlub fih hu intempestiv u prematur, in vista tal-fatt li dan jimpingi b' mod dirett fuq il-mertu tal-eccezzjoni preliminari tieghu in

ezami. Li l-izball ma kienx wiehed sanabbli u ma jistax jigi skartat bhala *lapsus calami*. Hu argumenta li din in-nota hi distinta mill-Att ta' l-Akkuza u ma tifformax parti mill-istess Att ta' l-Akkuza li jikkonsisti biss f' hames pagni. Mhux korrett ghalhekk l-Avukat Generali meta jghid li dan l-izball qieghed fis-sitt (6) pagna ta' l-Att ta' l-Akkuza. Li gara hu li flimkien mal-Att ta' l-Akkuza odjern giet erronjament ipprezentata lista tax-xhieda, dokumenti w oggetti ta' kaz iehor. Ghadda mbaghad biex iccita gurisprudenza relattiva i.e. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Vincent Brincat"** [Att ta Akkuza Nru. 1/93] (25.7.93), fejn din il-Qorti laqghet eccezzjoni simili ntavolata mill-istess Avukat Generali, w liema decizjoni giet ukoll konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b' sentenza tas-26 ta' Lulju, 1993. F' dik is-sentenza il-Qorti kienet irrimarkat illi dak li kienet qeghdha tintravvedi kien nuqqas sostanzjali li, jekk jigi sanat, il-qorti tkun qeghdha tintroduci fl-atti, att li legalment mhux suppost li jkun qieghed hemm u allura tkun qed iggib fix-xejn dak li l-Ligi essenzjalment tipprokura li tittutela bir-regoli procedurali.

Din il-Qorti, in vista tal-oppozizzjoni tal-akkuzat, kienet irrizervat li tipprovdi wara li tisma' d-debita trattazzjoni fl-istadju opportun tal-kawza.

Fit-trattazzjoni orali, d-difiza tal-akkuzat regghet tenniet li skond l-artikolu 590 (2) tal-Kap.9, il-lista tax-xhieda hi document separat mill-Att ta' l-Akkuza proprju. F' dan il-kaz l-izball terga' kien aghar minn dak eccepiet mill-Avukat Generali w ravvizat mill-Qorti fil-kawza fuq citata ta' **Brincat,** ghax dan kien att ipprezentat f' kawza zbaljata mentri fil-kaz ta' Brincat kienu jissemmew iz-zewg akkuzati.

Dottor Tonna Lowell, ghall-Prosekuzzjoni, rribatta li dan kien kaz car ta' *"lapsus calami",* tant hu hekk li li d-dokument STL 2 kien proprju c-certifikat tat-twelid tal-akkuzat u mhux ta' Dr. Arrigo. Fil-waqt li skond l-artikolu 452 (1) tal-ligi antika kif kienet fir-Revised Edition of the Laws of Malta (1942), l-Avukat Generali kien jipprezenta il-lista tax-xhieda tieghu flimkien mad-dokumenti w ezebiti ohra, fi zmien jumejn minn meta jigi notifikat bil-jum

appuntat ghas-smiegh tal-kawza – w allura ovvjament wara u separatament mill-Att ta' l-Akkuza li jkun gie bil-fors prezentat ferm qabel – bl-emenda li saret bl-Att LIII tal-1981, l-artikolu relattiv, li issa gie ri-enumerat 440, imbidel kompletament. In forza tal-emendi introdotti bl-Att LIII tal-1981, issa huwa l-artikolu 590 (2) li jirregola l-materia w jiddisponi li "*Ma' l-att ta' l-akkuza l-Avukat Generali ghandu jipprezenta wkoll l-atti tal-kompilazzjoni flimkien ma' nota tax-xhieda, dokumenti u oggetti ohra li jkollu l-hsieb li jipproduci fil-kawza.*"

Il-Legislatur ma riedx li l-akkuzat ikun jista' jipprofitta ruhu minn xi zball simili, tant li fl-artikoli 597 (1), 598 (1) u 599 (1) u (2) il-ligi tawtorizza lill-Qorti li tikkorregi zbalji ta' diversi xorta fl-att ta' l-akkuza, fl-ahhar artikolu anki addirittura f' kull waqt tal-kawza qabel ma l-guri jaghti l-verdett tieghu. Basta li kull korrezzjoni ma tirrendix ir-reat izjed gravi w cioe' li jgib xi piena akbar. Illum il-lista tax-xhieda giet inkorporata fit-titolu V li jittratta dwar l-Att ta' l-Akkuza. Mentri qabel kienet taqa' taht it-Titolu IV li kien jittratta dwar il-Qorti Kriminali. Mela l-ispirtu tal-ligi jindika li l-lista tax-xhieda tifforma parti mill-Att ta' l-Akkuza

Il-Prosekutur issottometta wkoll li l-kaz citat mill-akkuzat kien differenti ghaliex hemm l-izball kien wiehed volut mid-difiza. F' dak il-kaz kienet giet prezentata nota fi process li ma kienx jezisti. Ghalhekk ma setghetx issir analogija ma dak il-kaz. Hu ccita wkoll in sostenn tal-pozizzjoni tieghu s-sentenzi **"Il-Pulizija vs. Julian Blackman"** [14.5.1992] u **"Il-Pulizija vs. Paul Debono"** [9.5.1990] .

Fl-ahhar nett l-abbli prosekutur issottometta li bl-emenda li saret ghall-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali li dahlet in vigore bl-Avviz Legali 8/2006, il-kwistjoni kollha, bla pregudizzju ghas-sottomissjonijiet precedenti, giet sorvolata, ghaliex issa l-artikolu 175 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili gie rez applikabbli ukoll ghall-qrati ta' gustizzja kriminali. Ergo korrezzjoniiet bhal dik mitluba jistghu jinghataw.

Ikkonsidrat;

Illi ma hemmx dubju li sar zball fl-okkju li hemm a capo tan-nota tax-xhieda , tad-dokumenti w tal-oggetti li ghandu jgib l-Avukat Generali. Dan aktar minn *lapsus calami* jidher li hu "*lapsus computeris*" , rizultat tal-prassi ta' **"cut and paste"**, li tithaddem minn tajpisti w segretarji biex jivvantaggjaw ruhom mis-sistemi komputerizzati w b' hekk jiffrankaw hafna xoghol. Dan is-sistema ghandu wkoll il-perikoli tieghu, ghax, jekk ma jigix editjat minuzzjozament, jaf jirriproducilek xi dettalji li ma jkunux applikabbli ghall-kaz li tkun qed tahdem fuqu, bir-rizultat li jigi ma jaqbilx jew ma jappartjenix ghall-att . Jidher manifestament li hekk gara f' dan il-kaz. Peress li kien hemm process uniku kontra l-akkuzat odjern u akkuzat iehor u l-Avukat Generali ddecieda li joforqu f' zewg processi separati, kif kellu kull dritt li jaghmel, u peress li x-xhieda w dokumenti kienu l-istess fiz-zewg kawzi, min kien qed jabbozza l-lista tax-xhieda f' din il-kawza x' aktarx addotta s-sistema tal-*cut and paste* biex ma jirrepetix ix-xoghol. Pero' nesa jbiddel l-okkju. Din il-Qorti tosserva li dawn it-tipi ta' zbalji qed jigru ta' sikwiet fl-atti li jigu quddiemha w tissollecita lill-avukati kemm tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza li, qabel ma jipprezentaw atti, jiskrutinawhom ghal zbalji simili li jistghu jsiru mill-addetti taghhom li hafna drabi, privi minn "*training*" legali, ma jagharfux l-importanza ta' certi dettalji w l-implikazzjonijiet taghhom. Altrimenti r-rizultat qed ikun ta' hafna incidenti bla bzonn quddiem il-Qrati b' xoghol zejjed ghal kullhadd.

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li dan l-att ma jifformax parti mill-Att ta' l-Akkuza w li hu att separat u distint u li ma jistax jissewwa zball ta' din ix-xorta. Il-lista tax-xhieda kontenuta fin-nota hi att ancillari ghall-istess Att ta' l-Akkuza li ma hemmx dubju li sar b' okkju korrett u dirett kontra l-akkuzat odjern. Bhala tali, dan jista' jigi korrett skond id-dispozizzjoni tal-art. 597 (1) u (3) u 598 (1) u (2). Certament li dan l-izball u l-korrezzjoni tieghu b' ebda mod mhu ser jirrendu r-reati kontenuti fl-att ta' l-akkuza izjed gravi, ghax ir-reati baqghu l-istess. Umbaghad, jekk qatt seta' kien hemm xi dubju dwar jekk tali korrezzjoni tistax issir, dan illum, bl-emenda fuq riferita ghall-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali , zgur ma jistax jibqa' jissussisti.

Ghalhekk din il-Qorti qed tiddisponi minn din l-eccezzjoni, billi, wara li t-tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-Avukat Generali tal-4 ta' Marzu, 2005, qed tordna prezenzjalment li ssir il-korrezzjoni opportuna fl-okkju li jidher a capo tan-"Nota tax-Xhieda, tad-Dokumenti, u tal-Oggetti li ghandu jgib l-Avukat Generali" billi flok il-kliem **"Noel Arrigo**" jidhlu l-kliem **"Patrick Vella"** b' dan li l-att ta' akkuza w l-istess nota kif korretta ghandha terga tigi notifikata mill-gdid lill-akkuzat. Konsegwentement qed tichad it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat.

**IR-RABA' ECCEZZJONI.**

Din l-eccezzjoni tirrigwarda l-inammissibilita' tad-dokument JR2 peress li l-awtur tieghu hu injot u per tant tali document huwa prova li fuqha d-difiza ma ghandha ebda forma ta' kontoll, kif ukoll ghaliex jikkostitwixxi *"documentary hearsay*". Dan id-dokument huwa intitolat :- ***"Traskrizzjoni ta' l-intervista ma' l-Imhallef Dr. Patrick Vella ….bis-sistema audio recording fl-Ufficcju tal-Kummissarju nhar il-Hamis , l-1 ta' Awwissu, tas-sena 2002, fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija."*** u jikkonsisti f' 146 faccata ta' dak li tidher li hija traskrizzjoni ta' domandi li saru mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u d-Deputat Kummissarju Joseph Cachia w tar-risposti tal-akkuzat.

Fil-kors tat-trattazzjoni orali, li saret fis-6 ta' Frar, 2006, l-abbli difensur issottometta li fost id-dokumenti esebiti kien hemm traskrizzjonijiet ta' telephone conversations maghmula minn persuni injoti. Fil-waqt li it-tape recordings ta' dawn il-konversazzjonijiet telefonici huma esebiti, ma hemmx il-prova ta' min ghamel it-traskrizzjonijiet. Id-difiza iddikjarat ukoll li riedet tezamina t-tape biex tara jekk fih hemmx xi dikjarazzjoni tal-akkuzat u dan biex tkun aktar preciza fit-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni. Riedet ukoll tirregola ruha dwar jekk ir-raba u s-sitt eccezzjonijiet jirreferux in parte jew in toto ghal xi stqarrijiet tal-akkuzat jew jekk jirreferux biss ghal dikjarazzjonijiet ta' terzi.

Fis-seduta tat-3 t' April, 2006, id-difiza kienet inghatat tlitt gimghat zmien u cioe' sal-24 t' April, 2006, biex taghmel nota halli tiddikjara jekk it-traskrizzjoni tal-istqarrija hix wahda fidila w akkurata tat-tapes esebiti u f' kaz affermattiv din l-eccezzjoni ghandha titqies bhala rtirata.

Fis-17 ta' Mejju, 2006, il-Qorti tad-Digriet fis-sens li, in vista li kien ghadda t-terminu fuq imsemi , ordnat lill-akkuzat biex fi zmien jumejn , jiddikjara jekk l-imsemmija raba' eccezzjoni kienetx qed tigi rtirata.

B' nota tad-19 ta' Mejju, 2006, l-akkuzat iddikjara illi hu kien qed izomm ferma din ir-raba' eccezzjoni. Pero' l-Qorti nnotat li xorta wahda l-akkuzat  baqa' ma ddikjarax jekk it-traskrizzjoni tal-istqarrija relattiva kienetx wahda fidila w akkurata tat-tapes esebiti.

Illi jidher li l-oggezzjoni li qed issir, mhux ghat-*tape recording* tal-intervista mall-akkuzat *ut sic* imma ghat-traskrizzjoni taghha. Issa hu ovvju li l-aqwa prova hi indubbjament it-*tape recording* li sar u li t-traskrizzjoni ghandha biss l-iskop li tghin lill-gudikant u lill-partijiet biex isegwu ahjar dak li hemm fit-*tape recording* billi tkun tista' ssir aktar facilment  riferenza ghall-pagni tal-iskritt minnflok li wiehed joqghod jahli l-hin jaghmel *play backs* tal-istess *recording* biex isib il-post ezatt fejn tkun intqalet xi haga jew ohra. Din it-traskrizzjoni, jekk hija fidila w akkurata, tista' biss isservi biex tghin lill-gudikant – f' dal-kaz l-Imhallef  li ser jisma' w jiddeciedi l-kawza w lill-istess avukati li jistghu jkollhom bzonn jaghmlu riferenzi ghal xi parti partikolari tal-istess stqarrija. Ghalhekk hu fl-interess ta' kullhadd li tali traskrizzjoni, jekk korretta, tkun fil-process u accessibbli ghall-Qorti u ghall-avukati tal-Prosekuzzjoni w tad-difiza.

Indubbjament, jekk hi korretta, hi producibbli bhala prova bhal kull stqarrija ohra tal-akkuzat, kif inhu producibbli it-*tape recording* tal-istess intervista.  Illi fil-fehma tal-Qorti s-sustanza tal-eccezzjoni ghandha aktar tirrivolvi fuq il-korretteza tat-traskrizzjoni milli fuq il-fatt jekk minn ittajpjha giex jahlifha quddiem il-Qorti Istruttorja.

Id-difiza mid-dehra tefghet din l-eccezzjoni bla ma tat l-icken daqqa t' ghajn lill-istess stqarrija, tant li riedet tivverifika jekk tikkontjenix dikjarazzjonijiet tal-akkuzat biss jew ta' xi terza persuna, haga li setghet taghmel facilment f' minuta jew tnejn jekk anki tisfolja rapidament l-istess dokument kif ghamlet din il-Qorti. Mitluba tivverifika l-akkuratezza tal-istess stqarrija, d-difiza halliet aktar minn tlitt xhur jghaddu bla ma ghamlet dan. Din il-Qorti mhux behsiebha li toqghod taghmel hi dan l-ezercizzju f' dan l-istadju w, jekk ikun il-kaz, tirrizerva li taghmlu fl-istadju opportun, u cioe' meta tkun qed tigi trattata l-kawza fil-mertu. Jekk umbaghad jirrizultalha li tali traskrizzjoni mhux fidila jew preciza w mhux ta' min joqghod fuqha, tirrizerva li tisfilzha w li tordna lid-Deputat Registratur li jaghmel hu stess traskrizzjoni ohra gdida li tkun fidila w akkurata tal-istess intervista mall-akkuzat bazata fuq it-*tape recordings* esebiti.

Ghalhekk f' dan l-istadju, meta l-istess difiza tal-akkuzat ma tat ebda indikazzjoni li l-imsemmija traskrizzjoni hi monka, difettuza jew mhux akkurata, minkejja li kellha kull zmien u opportunita' li taghmel dan kieku riedet, din il-Qorti qed tirrespingi r-raba' eccezzjoni preliminari w tammetti l-istess Dokument JR2 bir-rizerva li jekk il-partijiet 'l quddiem jindikawlha bi precizjoni xi inezattezzi jew zbalji fiha, tordna l-isfilz taghha w tordna li ssir traskrizzjoni ohra fidila w korretta mid-Deputat Registratur ta' din il-Qorti , sabiex isservi ta' *"aide"* ghal istess Qorti w ghall-partijiet waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**RI-EPILOGU**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi t-tlitt eccezzjonijiet tal-akkuzat li ma gewx ceduti w cioe' l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjoni, tordna n-notifika tal-akkuzat bl-att ta' l-akkuza u nota tax-xhieda, tad-dokumenti u tal-oggetti esebiti mill-Avukat Generali, kif korretta, w tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha stante li gew irtirati w tiddiferixxi l-kawza sine die sabiex tinstema fuq il-mertu meta jmiss it-turn taghha, okkorrendo wara li jigi deciz kull appell minn din is-sentenza.

Sadattant l-akkuzat jibqa’ fl-istess pozizzjoni li hu fiha llum ghar-rigward tal-liberta’ provizorja.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------